

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/877**tal-4 ta' Ġunju 2015****li temenda d-Deċiżjonijiet 2009/568/UE, 2011/333/UE, 2011/381/UE, 2012/448/UE u 2012/481/UE sabiex tittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal ċerti prodotti***(notifikata bid-dokument C(2015) 3641)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE ⁽²⁾ tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2015.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE ⁽³⁾ tiskadi fis-7 ta' Ġunju 2015.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/381/UE ⁽⁴⁾ tiskadi fl-24 ta' Ġunju 2015.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/448/UE ⁽⁵⁾ tiskadi fit-12 ta' Lulju 2015.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE ⁽⁶⁾ tiskadi fis-16 ta' Awwissu 2015.
- (6) Saret valutazzjoni biex tikkonferma r-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2009/568/KE, 2011/333/UE, 2011/381/UE, 2012/448/UE u 2012/481/UE. Billi l-proċessi tar-rieżami tal-kriterji ekoloġiċi attwali u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika stipulati f'dawk id-Deċiżjonijiet se jibdew fl-2015, jixraq li l-perjodi ta' validità ta' dawn il-kriterji ekoloġiċi u ta' dawn ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati jittawlu sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (7) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet 2009/568/KE, 2011/333/UE, 2011/381/UE, 2012/448/UE u 2012/481/UE għandhom jiġu emendati skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

⁽¹⁾ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja għall-karta assorbenti (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 87).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta għall-ikkuppjar u għall-karta grafika (ĠU L 149, 8.6.2011, p. 12).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/381/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal-lubrikanti (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 28).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/448/UE tat-12 ta' Lulju 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta tal-gazzetti (ĠU L 202, 28.7.2012, p. 26).⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE tas-16 ta' Awwissu 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta stampata (ĠU L 223, 21.8.2012, p. 55).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/568/KE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'karta assorbenti', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.”

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/333/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'karta għall-ikkuppar u karta grafika', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.”

Artikolu 3

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/381/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'lubrikanti', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.”

Artikolu 4

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2012/448/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'karta tal-gazzetti', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.”

Artikolu 5

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2012/481/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'karta stampata', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.”

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni